(2) *Fis-sitwazzjoni fejn il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija inkompatibbli mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time anness mad-Direttiva 97/81, ikun hemm lok li l-klawżola 5(1) tiegħu tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi wkoll tali leġiżlazzjoni.*

([1]) ĠU C 282, 24.09.2011.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Session (Scotland), Edinburgh (ir-Renju Unit) fit-30 ta' Jannar 2012 — Andrius Kulikauskas vs Macduff Shellfish Limited, Duncan Watt

(Kawża C-44/12)

(2012/C 109/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Session (Scotland), Edinburgh

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Andrius Kulikauskas

Konvenuti: Macduff Shellfish Limited, Duncan Watt

Domandi preliminari

(1) Skont id-Direttiva 2006/54/KE ([1]), il-fatt li persuna ("A") tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli abbażi tat-tqala ta' mara ("B") jikkostitwixxi diskriminazzjoni illegali?

(2) Skont id-Direttiva 2006/54/KE, il-fatt li persuna ("A") tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli abbażi tat-tqala ta' mara ("B") li hija i) is-sieħba tiegħu, jew ii) assoċjata miegħu b'mod ieħor jikkostitwixxi diskriminazzjoni illegali?

([1]) Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid), ĠU L 204, p. 23

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour du travail de Bruxelles (il-Belġju) fit-30 ta' Jannar 2012 — Onafts — Office national d'allocations familiales pour travailleurs salaries vs Radia Hadj Ahmed

(Kawża C-45/12)

(2012/C 109/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour du travail de Bruxelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Onafts — Office national d'allocations familiales pour travailleurs salariés

Konvenuta: Radia Hadj Ahmed

Domandi preliminari

(1) F'ċirkustanzi fejn ċittadina ta' Stat terz (f'din il-kawża, ta' nazzjonalità Alġerina) rċeviet, inqas minn 5 snin ilu, dritt ta' residenza fi Stat Membru (f'din il-kawża, il-Belġju) sabiex tingħaqad, barra ż-żwieġ jew sħubija rreġistrata, ma' ċittadin ta' Stat Membru ieħor (f'din il-kawża, ċittadin Franċiż), li minnu kellha wild (ta' nazzjonalità Franċiża), din iċ-ċittadina taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament 1408/71 ([1]) bħala membru tal-familja ta' ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru, għall-għoti, bħala benefiċjarja, ta' benefiċċji tal-familja favur wild ieħor ċittadin ta' pajjiż terz (f'din il-kawża, ta' nazzjonalità Alġerina) għalkemm il-koabitazzjoni tagħha mal-missier tal-wild ta' nazzjonalità Franċiża sadanittant intemmet?

(2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, fiċ-ċirkustanzi deskritti fl-ewwel domanda, u minħabba l-preżenza fid-dar tagħha tal-wild ta' nazzjonalità Franċiża, din iċ-ċittadina ta' Stat terz, jew il-wild tagħha ċittadin ta' Stat terz, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament 1408/71 bħala membru tal-familja ta' ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru, għall-għoti ta' benefiċċji tal-familja għall-wild ta' nazzjonalità Alġerina?

(3) F'każ ta' risposta negattiva għad-domandi preċedenti, fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel domanda, din iċ-ċittadina ta' Stat terz tibbenefika, skont l-Artikoli 13(2) u 14 tad-Direttiva 2004/38 ([2]), moqrija flimkien mal-Artikolu 12 KE (issa 18 tat-TFUE), mill-istess trattament legali bħaċ-ċittadini sakemm id-dritt ta' residenza ma jkunx ġiet irtirat għaliha, b'tali mod li huwa eskluż li l-Istat Belġjan jimponilha kundizzjoni ta' tul ta' residenza għall-għoti ta' benefiċċji tal-familja garantiti filwaqt li din il-kundizzjoni ma tkunx rikjesta għall-benefiċjarji nazzjonali?

(4) F'każ ta' risposta negattiva għad-domandi preċedenti, fiċ-ċirkustanzi deskritti fl-ewwel domanda, u bħala omm ta' ċittadin tal-UE, din iċ-ċittadina ta' pajjiż terz hija, skont l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE dwar il-prinċipju ta' trattament ugwali b'tali mod li huwa eskluż li l-Istat Belġjan jimponilha kundizzjoni ta' tul ta'

residenza għall-għoti ta' benefiċċji tal-familja mogħtija għal wild ieħor tagħha, ċittadin ta' pajjiż terz, filwaqt li t-tul tar-residenza ma huwiex rikest għal wild ta' nazzjonalità tal-UE?

([1]) Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati [għall-ħaddiema mhux impjegati] u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

([2]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Ankenævnet for Uddannelsesstøtten (id-Danimarka) fis-26 ta' Jannar 2012 — LN

(Kawża C-46/12)

(2012/C 109/12)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Ankenævnet for Uddannelsesstøtten (id-Danimarka)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: LN

Domanda preliminari

L-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva 2004/38/KE ([1]), flimkien mal-Artikolu 24(2) tal-imsemmija Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta Stat Membru jevalwa jekk persuna għandhiex tiġi kkunsidrata bħala ħaddiem li jibbenefika minn dritt għal għajnuna ta' manteniment għall-istudji, dan l-Istat (l-Istat Membru ospitanti) jista' jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-persuna daħlet fit-territorju tiegħu bl-intenzjoni prinċipali li tipparteċipa f'taħriġ li għandu l-effett li l-Istat Membru ospitanti ma jkunx obbligat li jħallas lil din il-persuna l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 24(2), iċċitat iktar 'il fuq?

([1]) Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrchní soud v Praze (Ir-Repubblika Ċeka) fis-7 ta' Frar 2012 — Marián Baláž

(Kawża C-60/12)

(2012/C 109/13)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Vrchní soud v Praze

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Marián Baláž

Domandi preliminari

(1) Il-kunċett ta' "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali", imsemmi fl-Artikolu 1(a)(iii) tad-Deċiżjoni Kwadru 2005/214/ĠAI tal-Kunsill, tal-24 ta' Frar 2005, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (iktar 'il quddiem "id-Deċiżjoni Qafas") għandu jiġi interpretat bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni Ewropea?

(2) (a) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, liema huma l-kriterji ta' definizzjoni ġenerali li għandha tissodisfa qorti fi Stat li, fuq inizjattiva tal-persuna interessata, tista' tisma' kawża rigward deċiżjoni adottata minn awtorità oħra li ma hijiex qorti (awtorità amministrattiva) sabiex tkun tista' tikkwalifika bħala "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali" skont l-Artikolu 1(a)(iii), tad-Deċiżjoni Qafas?

(b) Jista' l-Unabhängiger Verwaltungssenat autrichien (tribunal amministrattiv indipendenti) jitqies bħala "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali" skont l-Artikolu 1(a)(iii), tad-Deċiżjoni Qafas?

(c) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-kunċett ta' "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali" skont l-Artikolu 1(a)(iii) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi interpretat mill-awtorità kompetenti tal-Istat eżekutur skont id-dritt tal-Istat li l-awtorità tiegħu tkun adottat id-deċiżjoni skont l-Artikolu 1(a)(iii) tad-Deċiżjoni Qafas, jew skont id-dritt tal-Istat li jiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni?

(3) L-"opportunità li jkollha l-każ deċiż" minn "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali" skont l-Artikolu 1(a)(iii), tad-Deċiżjoni Qafas hija ggarantita wkoll meta l-persuna interessata ma tistax tikseb direttament l-eżami tal-kawża quddiem "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali", iżda li hija għandha fl-ewwel lok tikkontesta d-deċiżjoni ta' awtorità oħra li ma hijiex qorti (awtorità amministrattiva) permezz ta' azzjoni, li trendi inapplikabbli d-deċiżjoni ta' din l-awtorità, u għandha tinbeda proċedura ordinarja quddiem l-istess awtorità, u li hija biss kontra d-deċiżjoni ta' din tal-aħħar, meqjusa fil-kuntest ta' din il-proċedura ordinarja, li jista' jiġi ppreżentat appell li fuqu tista' tiddeċiedi "qorti li għandha l-kompetenza, b'mod partikolari, f'materji kriminali"?